TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 245/14/F

**Carmen Caruana għan-nom ta' Johann Caruana**

**vs**

**Malcolm Galdes eżerċenti l-kummerċ bħala FACT Mobile Centre**

Illum 21 ta' Lulju, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Diċembru, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* illi wara li ħadu għat-tiswija spiċċa ma jaħdimx.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *mobile phone* għall-prezz ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) mingħand is-soċjeta' intimata, illi b'aċċident inkisirlu u l-*iscreen* ixxaqqaq u ħadu għat-tiswija. Meta mar għalih innota li l-*iscreen* kien imwaħħal 'il barra u x'ħin is-*salesperson* għafas l-*iscreen* biex ipoġġih f'postu, ixxaqqaq l-*iscreen* u t-*touch* ma bediex jaħdem. Wara ġimgħa reġa' mar għalih u s-*sim tray* ma ħadmitx

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi din hija *wear and tear* u li ma kienx difett moħbi u allura m'għandux dritt għal rifużjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata għamlet minn kollox sabiex tiprova ssewwi dan il-*mobile phone* u ppruvat kemm setgħet biex taqdi lil dan il-klijent. Ir-rikorrenti min-naħa l-oħra kellu ftit raġun meta jgħid illi kemm-il darba t-tiswija ma saritx tajba.

It-Tribunal, jinnota illi mhux aċċettabbli li r-rikorrenti jieħu lura l-prezz kollu tal-*mobile phone* stante li kellu l-ħsara meta ġabu, filwaqt li s-soċjeta' ntimata għamlet minn kollox sabiex tipprova ssewwi l-ħsara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150), u b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**